MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 94/2004

**Lombard Bank Malta plc**

**vs**

**Kenneth Alphanse Galea u ghall-kull interess li jista' jkollha, martu Elaine**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ippremettiet:

Il-konvenut Kenneth Alphonse Galea qabel ma zzewweg mal-konvenuta Elaine Galea inghata facilitajiet ta' self u *"overdraft"* u in forza ta' dawn il-facilitajiet il-konvenut issellef flus minghand il-Bank attur u hemm debitu bilancjali dovut lill-istess Bank attur fl-ammont ta' dsatax-il elf, mija u erbghin liri Maltin erbgha u tletin centezmu (Lm19,140.34), bl-interessi kkalkolati sas-sebgha u

ghoxrin (27) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004), skond *statements* hawn annessi u mmarkati Dok *“A”* u Dok *“B” oltre* l-imghaxijiet ulterjuri mit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv;

Ghalkemm interpellati anke ufficjalment sabiex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tikkundannahom sabiex ihallsu s-somma ta’ dsatax-il elf, mija u erbghin liri Maltin erbgha u tletin centezmu (Lm19,140.34), rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilitajiet ta’ self u *“overdraft”* li inghataw lill-konvenut qabel iz-zwieg ma’ martu l-konvenuta Elaine Galea bl-interessi kkalkolati sas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004), skond *statements* hawn annessi u mmarkati Dok *“A”* u Dok *“B” oltre* l-imghaxijiet ulterjuri mit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficcjali li ggib id-data tal-20 ta’ Novembru, 2003, tal-mandati ta’ qbid u sekwestru kawtelatorju pprezentati kontestwalment ma’ din il-kawza, u bl-imghaxijiet ulterjuri mit-28 ta’ Jannar, 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------